

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-8 ta' Settembru 2014****li taħtar żewġ membri Taljani u erba' membri supplenti Taljani fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2014/653/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jgħid li l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015. Fl-20 ta' Ġunju 2011, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/375/UE ⁽³⁾, is-Sur Roberto RUOCCO nħatar bħala membru sal-25 ta' Jannar 2015. Fis-16 ta' Lulju 2012, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/405/UE ⁽⁴⁾, is-Sinjura Lucia LIBERTINO nħatret membru supplenti sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Giorgio GRANELLO u tas-Sur Roberto RUOCCO, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Carmela CASILE, is-Sur Francesco DE MICHELI, is-Sinjura Lucia LIBERTINO u s-Sur Sergio SOAVE, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Giorgio GRANELLO, *Consigliere Comunale del Comune di Ponzano Veneto (TV)* (tibdil fil-mandat)
- Is-Sur Giorgio SILLI, *Consigliere Comunale del Comune di Prato*

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Isidoro GOTTARDO, *Consigliere Comunale del Comune di Sacile (PN)*
- Is-Sur Andrea TRAGAIOLI, *Sindaco del Comune di Rosta (TO)*
- Is-Sur Armando COPPOLA, *Presidente Municipalità 4 Comune di Napoli*
- Is-Sinjura Francesca BALZANI, *Assessore del Comune di Milano*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

⁽¹⁾ ĠUL 348, 29.12.2009, p. 22⁽²⁾ ĠUL 12, 19.1.2010, p. 11.⁽³⁾ ĠUL 168, 28.6.2011, p. 10.⁽⁴⁾ ĠUL 189, 19.7.2012, p. 9.